# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 30 ta' Gunju 2016

Rikors Guramentat Nru. 98 / 15RGM

Kawza fil-lista: 8

**A B**
**vs**
**L-Avukat Victor Bugeja u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li permezz ta' digriet datat 2 ta' Gunju 2015 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Dikjarazzjoni tal-Fatti

1. Illi l-partijiet ikkuntrattaw zwieg civili f'Malta, fit-tlieta ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (03/01/2005), fir-Registru Pubbliku, l-Belt Valletta u dana skont ic-certifikat taz-zwieg bin-numru progressiv erbgha, tas-sena elfejn u hamsa (04/2005);

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm fuq il-hajja mizzewga kif ukoll fuq id-drittijiet essenzjali taz-zwieg, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi, in oltre, l-kunsens tal-partijiet kien ivvizjat minhabba eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg, u li dan iz-zwieg sar bi skop unikament qarrieqi kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi l-uniku skop ta' dan iz-zwieg kien unikament sabiex l-intimat ikun jista' jirrisjedi hawn Malta u sussegwentement jottjeni c-cittadinanza Maltija u dan kif jidher mill-affidavit tal-attrici;

6. Illi l-attrici kienet insatbet hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sbatax ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (17/11/2006) u giet ikkundannata sena (1) prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin talli ikkuntrattat dan iz-zwieg u dan bi ksur ta' artikolu 38 ta' Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi, ghalhekk dan l-imsemmi zwieg huwa null u minghajr effett u dan ai termini ta' artikoli 19 (1), (d), u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Raguni Ghat-Talbiet f'dawn il-Proceduri

Illi l-prezenti proceduri qieghdin isiru sabiex jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Onorabbli Qorti li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet huwa null u bla effett fil-Ligi u dan ghar-ragunijiet sopra citati u rikonoxxuti fil-Ligi.

Talbiet tal-Attrici

Ghaldaqastant, l-attrici, in vista tas-suespost titlob umilment lill-intimat jghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg civili ikkontrattat bejn il-partijiet f'Malta, fir-Registru Pubbliku, l-Belt Valletta, fit-tlieta ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (03/01/12005), huwa null u bla effett fil-ligi u dana ghar-ragunijiet fuq premessi jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet skont l-Artikolu 19 (1), (d) u (f);

2. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra s-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku ta' Malta ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi pprezentata fit-23 ta' Gunju 2015, li biha ddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghallhekk irriservaw li jeccepixxu ulterjorment fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kas, u li bla pregudizzju ghall-premess, l-attrici ghandha tipprova b'mod car ir-raguni li twassal ghall-annullament taz-zwieg taghha mall-intimat zewgha skond il-ligi;

Rat l-affidavit tal-attrici, il-kopja legali tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet " Il-Pulizija (Spettur Edel Mary Camilleri vs A B", t-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispettur Edel Mary Camilleri, u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' April 2016 meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza;

IL-PROVI.

L-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fit-30 ta' April 2015, fol 4 et seq, iddikjarat li fl-ahhar xhur tas-sena 2004 sabet xoghol bhala waitress f'Hotel San Pawl il-Bahar u ftit wara kriet appartament hemmhekk biex tkun qrib ix-xoghol billi dak iz-zmien kienet tghix ma' ommha f'Ghawdex.

Saret taf tfajla barranija, Russa jew Ukrena, li kienet tahdem fl-istess lukanda, u din kellha diversi hbieb fosthom erbgha li kienu ta' nazzjonalita' Gharbija. Dawn il-guvintur kienu dejjem jitkellmu dwar il-problemi li kellhom biex jahdmu f'Malta. Kienu jridu li insejhulhom b'ismijiet li nuzaw ahna bhal 'Johnny,' 'Charlie' u 'Tony'. Id-diskors taghhom kien dejjem fis-sens li jekk jizzewgu mara Maltija ma jkollhomx problemi aktar. Ghall-ewwel l-attrici dan id-diskors ma kienx jinteressha pero' darba din l-habiba barranija qaltilha li semghet li xi tfajlet Maltin kienu thallsu minn irgiel Gharab biex jizzewguhom u jkunu jista' jibqghu hawn Malta.

L-attrici qaltilha li ghaliha din kienet gennata, pero' il-habiba qaltilha li kienu jizzewgu bir-Registru, jithallsu u jmorru d-dar, ma kienux jghixu mal-Gharbi li jizzewgu. Dan id-diskors sar bejn Ottubru u Novembru 2004. Qaltilha ukoll li wiehed mill-guvintur Gharbin kien jaf mara Maltija li kienet tirranga dawn iz-zwigijiet u thallas LM500 cioe' Euro1165. Kienet staqsiet lill-attrici kinitx interessata u l-attrici kienet qaltilha zgur li ma kinitx.

Xi zmien wara kienu f'Bugibba u avvicinha guvni Gharbi li ma tiftakarx x'jismu, li qalilha li kellu inkwiet kbir billi kienet ser tiskadilu l-viza u jitkecca minn Malta. Dan qalilha li kull ma riedet taghmel kien li tmur mieghu il-Belt, tiffirma

il-karti taz-zwieg u xejn aktar. Hareg xi flus, qalilha li kien pront jaghtiha nofshom dak il-hin stess u il-bqija meta tiffirma.

Hi rrispondiet li dawn kienu affarjiet tal-boloh u setghet tigi fl-inkwiet. Hu rrispondiha li ma kellhiex ghalfejn tinkwieta ghax kien jirranga kollox hu, kull ma kellu bzonn kien li jsib mara biex tizzewgu. Hi qaltlu li kienet ser tahsibha, il-habiba taghha qaltilha li ma kellhiex inkwiet la ma kienx ser jghix maghha. Ta' dan il-pjacir kien ser ihallasha LM500.

L-ghada mar ikellimha fuq ix-xoghol u qaltlu li taccetta bil-kondizzjoni li ma tghix mieghu. Talabha kopja tal-karta tal-identita' li taghtu l-ghada, u wara ftit zmien qalilha li kollox kien lest u setghu jizzewgu. Billi kien fi zmien il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, qaltlu li xtaqet li l-ewwel jghaddu l-festi. Hu pero', ried li jizzewgu kemm jista' jkun malajr, billi kienet ser tiskadilu l-viza u jitkecca minn Malta. Hi qaltlu li malli jghaddu l-festi jizzewgu. Iltaqghet mieghu il-Belt u baqghu sejrin ir-Registru Pubbliku. Hemmhekk kien hemm tnejn minn shabu, u meta staqsitu dwarhom qalilha li kienu ser ikunu ix-xhieda taz-zwieg taghhom. Dahlu go kamra fejn kien hemm xi impjegati, ma tiftakarx x'intqal ezatt pero' tiftakar li tawha xi karti biex tiffirma, iffirmaw ukoll il-guvni Gharbi u shabu.

Kif appena hargu mir-Registru Pubbliku, kantuniera 'l boghod, taha l-kumplament tal-flus, LM250 li kienu f'envelope. Irringrazzjaha u telaq ma' shabu u qatt ma regghet ratu.

Fil-frattemp spiccat mix-xoghol fil-lukanda f'Bugibba u regghet marret Ghawdex tghix ma' ommha. Lil ommha qatt ma qaltilha xejn li kienet izzewget lil din il-persuna. Xi hames xhur wara cemplilha dan il-guvni u qalilha biex tmur mieghu d-Depot tal-Pulizija, Sezzjoni Immigrazzjoni, u qalilha biex jiltaqghu gurnata qabel biex jghidilha x'ghandha tghid. F'dak iz-zmien semghet li kienu gew arrestati xi tfajliet li kienu izzewgu guvintur Gharbin u gew arrestati. L-attrici tghid li inkwetat hafna fuq hekk.

Iltaqghu ic-Cirkewwa u dan il-guvni qalilha li kienu ser jistaqsuhom domandi dwar kif kienu qeghdin jghixu. L-attrici kienet imbezza hafna u kif dahlet fil-kamra u bdew jistaqsuha l-ufficjali tal-Immigrazzjoni bdiet tikbi u ghamlet sinjal lill-Pulizija mara, li haditha wahedha go kamra ohra u l-attrici qaltilha b'kollox li kien gara. Ftit wara spiccat quddiem Spettur mara. Din lis-Spettur qaltilha li kienet fi trouble kbir minhabba dak li ghamlet. Malli semghet hekk l-attrici kompliet tibki u rrakkontat kollox lill-Ispettur mill-bidu sal-ahhar. Iddikjarat li iddispjaciha ghal dak li ghamlet, u l-Ispettur qaltilha li kienu ser jitresqu xi tfajliet, kien hemm min intbaghat il-habs, u l-guvintur Gharab kienu ser jigu deportati lura f'pajjizhom fosthom il-guvni li kienet izzewget hi.

Qaltilha li kienet ser tressaqha il-Qorti billi kienet dahlet ghall-zwieg ta' konvenjenza ma' persuna li ried jibqa' Malta b'qerq. Hi ammetthiet l-akkuza quddiem il-Qorti tal-Magistrati u giet kkundannata sena habs sospiza ghal tlett snin.

L-attrici ddikjarat li wara dan kollu bdiet relazzjoni ma' guvni Malti u ghandhom tifel li ser jaghalaq 4 snin. Meta thares lura tirrealizza, kemm kienet immatura meta ghamlet 'din il-gennata', jiddipjaciha minn dak li ghamlet u illum il-gurnata tirrelizza xi zball ghamlet li zzewget persuna li lanqas biss kienet taf.

L-ispettur Edel Mary Camilleri xehdet fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2016, Fol 38 et seq. Hi kkonfermat li fit-2006 kienet interrogat u investigat lill-attrici fuq kaz li kien jidher li sar zwieg ta' konvenjenza bejn l-attrici u certu Essam Mohammed, Libjan. F'dawn il-kazijiet meta persuna minn pajjiz terz tizzewweg Maltija, takkwista il-'Freedom of Movement' li jigi  endorsed fuq il-Passaport. Dan kien jirrikjedi li ssir applikazzjoni lis-Central Immigration Office tal-Pulizija, billi l-Freedom of Movement johrog mid-Dipartiment tac-Cittadinanza. F'kazijiet simili il-Pulizija tiftah file u taghmel il-verifiki taghha.

Ix-xhud iddikjarat li fil-kaz tal-attrici dan kien izjed facili billi l-koppja kienu qed jargumentaw bejniethom u mill-ewwel kien hemm is-suspett li hu kien qed jissugerrilha x'ghandha tghid lill-ufficjali tal-Immigrazzjoni. Ix-xhud kienet giet infurmata mid-WPS Joyce Bonello, li l-partijiet kienu qed jargumentaw u jiggieldu u li ma jidhirx li kienu genwini, tant li hasset li ma kellhiex taghmel l-endorsement fuq il-passaport tal-Libjan. Ix-xhud ikkonfermat li l-attrici kienet ammettiet mas-Surgent, li kien qed igielha tghid affarjiet biex tghatti li zzewgu bil-flus. Ix-xhud tat istruzzjonijiet lis-Surgent biex twaqqaf kollox, u avzat lill-attrici li kellha d-dritt tas-silenzju biex ma tinkriminax ruhha peress li minn Awwissu 2005 kienet dahlet in vigore il-ligi li zwieg ta' konvenjenza hu reat kriminali. Arrestathom it-tnejn, lill-attrici rrilaxxjatha f'zmien sitt sieghat u lilu zammitu arrestat fil-lock-up. L-attrici ammettiet maghha li kien offrilha il-flus biex tizzewgu, nofs l-ammont jithallas qabel u n-nofs l-iehor jithallas wara, hi ma kinitx certa fuq l-ammont jekk kienx LM500 jew LM1000.

Mistoqsija mill-Qorti jekk hu kienx ammetta il-pagament, irrispondiet li ma kienx ammetta. Irrilevat li kellha problema procedurali billi wara li pprezentat ir-rapport taghha lis-Supretendent taghha, dan irrilevalha li ma setghetx tipproduci lill-attrici bhala xhud kontra zewgha.

Kitbet rapport dwaru lic-Cittadinanza biex jittiehdu l-proceduri biex jitkecca minn Malta. Mar-rapport annettiet is-sentenza li inghatat kontra l-attici, li fil-proceduri kriminali ammettiet l-akkuza.  Ikkonfermat li dak iz-zmien l-attrici kellha problemi finanzjarji billi kienet qed tghix Malta mentri ommha kienet tghix

Ghawdex. Ma kinitx f'posizzjoni li tikkonferma jekk il-konvenut kienx gie deportat, billi wara bdiet il-gwerra fil-Libja, pero' kkonfermat li ghamlet diversi *reminders* biex jitkecca.

KONSIDERAZZJONIJIET.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet zzewgu fir-Registru Pubbliku il-Belt, Valletta fit-3 ta' Jannar 2005. Huma qatt ma ikkoabitaw u rrizulta mill-provi li l-konvenut, cittadin Libjan, kellu il-viza waslet biex tiskadi u ried jizzewweg tfajla Maltija, hi min hi u mhux necessarjament l-attrici, basta tfajla Maltija, biex jakkwista il-Freedom of Movement. Irrizulta, in oltre, li l-konvenut hallas bi flus kontanti lill-attrici talli accettat li tizzewgu, li fil-proceduri Kriminali li saru kontriha li kkuntrattat iz-zwieg biex il-konvenut jikseb cittadinanza Maltija, jew il-liberta' ta' movement f'Malta jew permess biex jahdem jew jirrisjedi Malta, jew id-dritt li jidhol Malta, jew id-dritt li jikseb kura medika f'Malta, bi ksur tal-Artikolu 38 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, hi ammettiet l-akkuzi kif dedotti kontriha u giet kkundannata sena prigunerija sospiza ghall-tlett snin.

L-attrici qed titlob li iz-zwieg jigi dikjarat null billi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255. L-konvenut hu assenti u l-kawza saret kontra kuraturi li ma jirrizultax li rrnexxhielhom jikkommunikaw mieghu.

Il-Qrati taghna dejjem irritenew l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku u jinhtieg is-salvagwardi necessarji. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost mill-ligi.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Anna Tonna vs Alexander Tonna**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal hekk:

" F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' xi kreditu likwidu jew responsabbilita' ta' xi kollizzjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u il-Qorti ma tistax thalli n-nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu li kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fiz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din d-deskrizzjoni u jsiru mature. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-

kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minnghajr dubbju."

Fil-kawza fl-ismijiet " **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** " deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' jannar 2006 intqal hekk:

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha u cioe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."

Fil-kawza fl-ismijiet " **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Lulju 1987 ntqal hekk:

" Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn hu ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett...... Ghall-Qorti n-nullita' hi haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament."
Dwar il-validita' tal-kunsens moghti, fil-kawza fl-ismijiet " **Lawrence Attard vs George Attard"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2011 gie dikjarat li:

"Il-kapacita' hija r-regola; l-inkapacita' l-eccezzjoni.......Biex persuna tkun kapaci ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu; bizzejjed l-uzu tar-raguni li tippermetti li jkun jaf x'inhu jaghmel".

Il-Qorti ser l-ewwel titratta l-kawzali msejsa fuql-Artikolu (1) (f) tal-Kap 255, ghaliex jekk tirrizulta tali kawzali ma jkunx mehtieg li jigu trattati l-kawzali l-ohra.

**Ezkluzzjoni Pozittiva taz-Zwieg Innifsu.**

**Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255**.

***Zwieg ikun null jekk il-kunsens ikun vizzjat minhabba l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u tad-dritt ghall-att taz-zwieg.***

Sabiex zwieg jigi dikjarat null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) jehtieg li ssir il-prova li xi hadd mill-partijiet, jew it-tnejn, fil-mument li qed jigi celebrat iz-zwieg kienu qeghdin intenzjonalment jeskludu z-zwieg innifsu. Il-kaz klassiku taht is-

sub inciz in dizamina huwa z-zwieg ta' konvenjenza, proprju dak li qed issostni l-attrici. Fi kliem iehor xi hadd mill-partijiet ikun hati ta' simulazzjoni.

Dwar is-simulazzjoni issir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Ottubru 2002 fil-kawza fl-ismijiet "**Lydia Musu' vs Dr Ian Spiteri Bailiey et** li rreferit ghas-sentenzi fl-ismijiet "**Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**" deciza fl-10 ta' Ottubru 1995 u "**Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**" deciza fis-16 ta' Jannar 1998 il-Qorti kkummentat hekk;

".....meta l-uniku skop tal-kontraent ikun li jibqa Malta biex jahdem u eventwament jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' intenzjoni, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta ukoll implicitament...... Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi kollha kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghal ghoti tal-kunsens matrimonjali u tinterprethom b'doza qawwija ta' buon sens, biex tasal imqar sal-grad ta'probabbilita', li kien hemm l-eskluzjoni pozittiva imsemmija."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Al Chahid vs Mary Spiteri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 2002 ntqal li:

" wiehed jinnota li taht l-Artikolu 19 1 (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta il-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tall-annullament taz-zwieg."

Indubbjament dan kien zwieg ta' konvenjenza, fejn kif jghidu is-sentenzi citati supra l-unika skop tal-konvenut kien li jibqa' Malta biex jahdem u jakkwista ic-cittadinanza u mhux biex jidhol ghal zwieg bl-obbligi u r-responsabbiltajiet kollha li jgib mieghu. Gie sodisfacentement ippruvat illi fil-mument li kien qed jigi kkontrattat iz-zwieg tal-partijiet, sew l-attrici kif ukoll il-knovenut kienu qed jeskludu z-zwieg innifsu, simulazzjoni totali.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti hi tal-fehma illi z-zwieg tal-partijiet huwa null peress li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi deputati,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li z-zwieg civili kkontrattat bejn il-partijiet fir-Registru Pubbliku, Malta fit-3 ta' Jannar 2005 hu null u bla effett fil-ligi billi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tilqa' it-tieni talba attrici u tawtorizza lill-istess attrici li tirregistra din s-sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut, b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**